IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru62(Tnejn u Sittin) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fl-uffiċċju amministrattiv nhar it-Tnejn 31 ta' Lulju, 2023, fil-5.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Il- Kunsilliera | Raymond Camilleri |
| | Anthony Valvo |
| | Mary Doris Borg |
| **Assenti b'Apoloġija** | |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**62.1. Item Nru 62.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

62.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-5.05 u s-Segretarju Ezekuttiv avża li s-Sa. Rosabelle Pulis mhux ser tkun prezenti għal laqgħa minhabba li tinsab ma tiflaħx. Il-Kunsill qabel li tkun skużata.

**62.2. Item Nru. 62.2 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

62.2.1 Il-Minuti ittieħdu bħala moqrija u ġew approvati b'mod unanimu.

**62.3. Item Nru. 62.3 fuq l-Aġenda -** Komunikazzjoni mis-Sindku

62.3.1 Is-Sindku qal li l-bandli ta' fejn ir-roundabout issa lest u infetaħ għal pubbliku. Għadna qed nistennew ir-rapport mil-MCCAA sabiex ikun jista jigu jitkompla l-proċess u jitlesta kompletament.

62.3.2. Is-Sindku qal li x-xogħol tal-konkos ta' fejn il-Milord issa lest u ser nipprċedu sabiex niġu rimborsati mit-Tourism Zones Foundation. Għalhekk is-Sindku irringrazzja ufficjalment lill-Ministru Clayton Bartolo ta' dan ix-xogħol.

62.3.3 Is-Sindku tkellem dwar l-attivita ta' Xtajta tlellex ta' din is-sena u qal li il-proġramm huwa mfassal u ser issir nhar is-26 u s-27 ta' Awwissu. Kulħadd huwa mħeġġeġ jattendi.

62.3.4 Is-Sur Attard qal li fuq il-proġett tal-jogging track huwa bagħat personalment lill-Ministru Miriam Dalli u l-Ministru Clyde Caruana pero dawn għadhom ma rrispondewhx.

62.3.5 Is-Sindku qal li ser nibdew il-proċess tal-concession u ser nibdew il-prezz minn €1,250 fix-xahar li minnhom irridu nagħtu €250 lill-Lands Deparment. Is-Sur Attard kompla u qal li din il-concession hija importanti ħafna għaliex apparti id-dħul li bħala Kunsill ser niġġeneraw ser inkunu qiegħdin nevitaw il-vandaliżmu.

**62.4 Item Nru 62.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

62.4.1 Is-Sur Valvo staqsa kif il-fondi tad-Development Planning Funds infaqna minnhom u ma nafux jekk hux ser noħduhom lura. Is-Sindku qal li dan kien xogħol li ma kienx inkluż fil-BOQs originali tal-bandli pero wara li ġie aġġudikat it-tender u sar ir-rapport mil-Kuntrattur dan wera li kellu jsir ċertu xogħol qabel ikun jista jagħmel ir-*rubber flooring* għaliex inkella ma jkunx jista jagħti garanzija.

62.4.2 Is-Sur Camilleri staqsa jekk dawn il-flus li mhux fil-kuntratt tad-development funds hux ser joħorġu mil-Kunsill. Is-Sindku qallu li dawn diġa ħarġu mil-Kunsill u li huma Contingency għalhekk issa għandna ċ-ċans li napplikaw għalihom ukoll.

62.4.3 Is-Sa. Doris Borg jekk nistgħux nixtru cupboard għaċ-ċentru Alijoy. Kulħadd qabel

**62.5 Item Nru. 62.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

62.5.1 Ma kienx hemm rapporti

**62.6 Item Nru. 62.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

62.6.1 Is-Sindku ippropona li nagħmlu 2 pots fejn il-Bandli sabiex nagħtu dehra aktar ħadra. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

62.6.2 Is-Sindku ippropona li fejn il-bandli ta' fuq inħallu mobile toilet għal prezz ta' €200 fix-xahar. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

62.6.3 Is-Sindku ippropona li jsir fence fil-bandli wara l-bankijiet sabiex ikun aktar sigur. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

IX-XGĦAJRA

**62.7 Item Nru. 62.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

62.7.1 Pagamenti b'numru 125 ġew approvati unanimament.

**62.8 Item Nru. 62.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

62.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**62.9 Item Nru. 62.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

62.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.04pm

Aġġornament għal nhar it-Tnejn 4 ta' Settembru.

Ranier Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Neil Attard
Sindku